MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Numru 940/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Peter Paul Galea ta' 38 sena, iben Joseph u Dolores nee' Galea , imwieled il-Hamrun nhar id-29 ta' Gunju 1973 u residenti numru 47 Triq San Tumas Hamrun u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 300273(M)**

**u**

**Ronnie Muscat ta' 32 sena, iben Francis u Joan nee' Pace, imwieled Pieta' nhar l-01 ta' Jannar 1979, residenti gewwa numru 231, Triq Stiefnu Zerafa, Pieta' u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 56279(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Peter Paul Galea u Ronnie Muscat akkuzati talli nhar il-14 ta' Awwissu 2011 ghal habta tal-16:45 hrs, gewwa letrina pubblika sitwata fi Triq id-Duka ta' Edinburgh, il-Hamrun u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkomettew serq ta' proprjeta' (mobile phone) minn fuq il-persuna ta' Graziella Bajada li ghandha numru tal-identita' 585790(M) u minn fuq Summer Susannah Camilleri li ghandha numru tal-identita' 369889(M), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza;

2. u aktar talli minghajr il-hsieb li joqtlu jew li iqieghdu il-hajja f'periklu car, ikkaggunaw offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Summer Susannah Camilleri li ghandha numru tal-identita 369889(M) hekk kif iccertifika Dr. Robert Patriniott Med Reg 1860

3. u aktar talli irrendew ruhhom recidivi ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kap.9. tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistaghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali tas-16 ta' Awwissu 2011 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet l–ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi, izda ma kienx hemm amissjoni dwar l-aggravvju tal-vjolenza fl-ewwel akkuza dwar is-serq.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2011, iz-zewg imputati ammettew illi huma ikkomettew is-serq ta' mobile phone

minn fuq il-persuna ta’ Graziella Bajada minn gewwa il-letrina pubblika sitwata gewwa l-Hamrun.

Illi madanakollu l-akkuza hija akkompanjata bl-aggravvju tal-vjolenza u dana billi l-persuna li kienet fil-kumpanija tad-derubata, certu Summer Susannah Camilleri, sofriet xi griehi hfief meta l-imputati ippruvaw jiehdu il-mobile phone in kwistjoni mill-pussess taghha. Illi fil-fatt l-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku ta’ Dr. Robert Patiniott li ukoll xehed f’dawn il-proceduri illi l-imsemmija Camilleri sofriet xi griehi hfief konsistenti f’selha f’subajha il-werrej tal-lemin daqs centimetru twila u zewg millimetri wiesgha. Illi d-difiza tikkontendi illi dina l-gerha hija wahda negligibbli u ta’ ftit kont u kwindi l-imputati qatt ma jistghu jinstabu hatja tas-serq akkompanjat bil-vjolenza.

Ikkunsidrat,

Illi l-ligi tispjega fid-dettal ic-cirkostanzi li fihom ir-reat tas-serq ghandu jitiqies illi ikun gie akkompanjat bil-vjolenza u dana fl-artikolu 262 fejn fis-subinciz 1(a) jinghad tetswalment:

“***Is-serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza meta isir flimkien ma’ omicidju, ma’ offiza fuq il-persuna, jew mas-sekwestru tal-persuna, jew ma’ theddid bil-miktub jew bil-fomm ta’ omicidju jew ta’ offiza fuq il-persuna jew ta’ hsara fil-proprjeta’***.”

Fis-sub-inciz tnejn jinghad imbaghad:

“***Sabiex att ta’ vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa bizzejjed li dana l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex ighin il-konsumazzjoni tad-delitt, jew il-helsien tal-hati mill-piena jew mill-arrest jew mill-ghagha ta’l-offiz jew ta’ ohrajn, jew sabiex il-hati ma jhallix tigi lilu mehuda lura l-haga misruqa; jew biex jivvendika ruhu talli ma jkunux hallewh jew fittxew li ma jhalluhx jisraq, jew talli jkunu hadulu lura l-haga misruqa, jew talli jkun gie mikxuf bhala l-halliel***.”

Illi minn qari akkurat ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi ma jirrizulta minn imkien illi l-offiza fuq il-persuna qed tigi ikkwalifikata u cioe' jekk hijiex wahda hafifa jew ta' ftit kont kif tissottometti d-difiza. Dana japplika biss ghar-rigward ta'l-akkuza tal-offiza hafifa kif dispost fl-artikolu 221(3) tal-Kodici Kriminali fejn il-ligi tistabilixxi parametri differenti ta' piena skond il-konsegwenza u l-effetti li l-offiza thalli fuq il-vittma. Dina id-distinzjoni ma issirx fl-artikolu 262 li jitkellem dwar ir-reat tas-serq u kwindi l-Qorti ma tsistax taqbel mal-linja difensjonali imressqa mill-imputati.

Illi mill-provi, li del resto ma humiex ikkontestati mid-difiza, jirrizulta illi l-imputat Ronnie Muscat hataf il-handbag filwaqt li Summer Susannah Camilleri ippruvat tigbdu lura u minn hawn hija bdiet tissara mieghu bil-konsegwenza illi hija sofriet selha fuq idejha. Illi dan l-agir certament jinkwadra ruhu perfettament f'dak dispost fil-ligi u kwindi ma hemmx dubbju illi dana is-serq kommess miz-zewg imputati kien akkompanjat bil-kwalifika tal-vjolenza.

Illi l-Qorti f'dana ir-rigward taghmel referenza ukoll ghal dak dispost fl-artikolu 45 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**"*Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f'delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss –***

***(a) lill-persuna li taghmel l-att;***
***(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u***
***(c) lill-persuna li, ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li kienet tista' timpedih, hallietu jsir*."**

Dana qed jinghad peress illi ghalkemm kien Ronnie Muscat li fizikament beda jissara ma' Camilleri sabiex johdilha il-handbag, madanakollu l-imputat l-iehor Galea ma ghamel xejn biex jimpedieh milli ikompli f'dan l-agir u bil-konsegwenza ta' dan Camilleri sofriet griehi.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali piuttost ikkulurita taghhom u il-fatt illi t-tnejn huma recidivi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a), 262(1)(a)(2), 276, 221(3)(b), 45, 49, 50, 289, 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom ghal perijodu ta' sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------